MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 205/2012

**Joseph Gheiti**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Joseph Gheiti** fit-3 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi, permezz ta' ittra datata 31 ta' Mejju 2012, l-Ufficjal Awtorizzat gharraf lill-appellant illi, filwaqt li "taghmel referenza ghall-ispezzjoni li saret fuq il-water taxi operata minnek bin-numru **S-18632** nhar id-disgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax fil-Port ta' Marsamxett …… l-ufficjali taghha kkonstataw illi ma kienx hemm tariffa tan-nollijiet imwahhla u murija f'post tajjeb fil-hinijiet kollha fl-intern tal-water taxi kif ukoll illi l-kaptan Vincent Fenech ma kienx liebes l-uniformi kif suppost. Inoltre, dan il-kaptan Vincent Fenech ma kellux il-Karta tal-Identita' mahruga mill-Awtorita sabiex tkun tista topera water taxi."*

*L-appellant gie nformat illi dana kien bi ksur tal-ligijiet u regolamenti portwali vigenti, fosthom dak li jistabilixxi r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis u gie mmultat multa amministrattiva ta' mija u hamsin Ewro (€150).*

*Illi l-appellant ghamel is-sottomissjonijiet tieghu entro t-terminu stabbilit fl-ittra fejn eccepixxa illi l-akkuzi kienu zbaljati peress illi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi, permezz ta' decizjoni datata 15 ta' Gunju 2012 u kkomunikata mill-appellant fit-18 ta' Gunju 2012, l-appellant gie mgharraf illi "fl-ittra tal-31 ta' Mejju 2012 kien hemm imnizzlin ir-ragunijiet ghaliex l-Awtorita' imponiet il-multa amministrattiva. Dawna kienu ghax waqt l-ispezzjoni li saret fuq il-water taxi operata minnek bin-numru **S-18251** nhar id-disgha u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax fil-Port ta' Marsamxett gie kkonstat illi ma kienx hemm tariffa tan-nollijiet imwahhla u murija f'post tajjeb fil-hinijiet kollha fl-intern tal-water taxi kif ukoll illi l-kaptan Vincent Fenech ma kienx liebes l-uniformi kif suppost. Inoltre, dan il-kaptan Vincent Fenech ma' kellux il-Karta tal-Identita' mahruga mill-Awtorita sabiex tkun tista topera water taxi."*

*Illi l-appellant ihossu aggravat minn tali decizjoni u, a tenur tal-Artikolu 40 tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien ta' ghoxrin (20) gurnata minn meta rcieva l-avviz, qieghed jintavola dana l-appell sabiex jigi kkunsidrat mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;*

*Illi l-aggravju tal-appellanti huwa wiehed car u manifest:-*

*Jirrizulta ben car illi meta l-Awtorita' gharrfet lill-appellant bl-infrazzjoni illi wasslet ghas-sanzjoni taghha, hija qalet illi huwa kien qieghed jopera l-water taxi bin-numru **S-18632**.*

*Illi, di fatti, dana ma kienx minnu ghax, kieku l-Awtorita' ghamlet xogholha kif suppost, kienet tinduna illi l-water taxi illi huwa kien qieghed attwalment jopera kien **S-18251** u mhux S-18632 kif indikat mill-istess Awtorita'.*

*Illi, in fatti, fis-sottomissjonijiet tieghu, l-appellant kien cahad it-talbiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kienu inkorretti.*

*Illi tali fatt, wahdu, kien jinnecessita' prova da parte tal-appellant, liema prova, certament kienet tkun difficili ferm peress illi kienet tkun il-kelma tal-impjegat tieghu kontra il-kelma tal-Ufficjali tal-Awtorita'.*

*Madanakollu, hija l-Awtorita' stess illi qieghda taccetta illi sar zball fl-akkuza illi kienet inhargitlu, peress illi, fid-decizjoni taghha, hija qalet li fil-mument li l-impjegat tal-appellant kien inqabad jaghmel l-infrazzjoni, huwa kien qieghed jopera il-water taxi bin-numru **S-18251** u mhux bin-numru **S-18632**, kif indikat fl-akkuzi mahruga kontra tieghu.*

*Illi ghalhekk huwa car u manifest illi l-appellant qatt ma seta' nstab hati ta' dak lilu akkuzat fl-ittra datata 31 ta' Mejju 2012 peress illi l-impjegat tieghu ma kienx qieghed jopera il-water taxi bin-numru S-18632, kif kien akkuzat, izda kien qed jopera il-water taxi bin-numru S-18251.*

*Illi, apparti minn hekk, id-decizjoni tal-15 ta' Gunju 2012 hija monka u nulla peress illi ma tirrispekkjax l-akkuzi illi kienu inhargu kontra l-istess appellant fil-31 ta' Mejju 2012, izda jaghmlu referenza ghal numru ta' water taxi differenti minn dak indikat fl-akkuza u illi biha huwa ma kienx akkuzat.*

***Ghaldaqstant**, l-appellant qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrikonsidra d-decizjoni mehuda mill-Ufficjal Awtorizzat fit-15 ta' Gunju 2012 u jirrevokaha, in toto jew in parte, skond kif jidhirlu xieraq dana l-Bord."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fit-18 ta' Lulju 2012 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi dawn huma proċeduri t'appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva wara illi ġiet imposta fuq l-appellant multa amministrattiva ta' mija u ħamsin Euro (€ 150).*

*1.0 Il-fatti tal-każ*

*Illi s-sur Gheiti għandu liċenza ta' operatur ta' water taxis maħruġa lilu mill-Awtorità.*

*Nhar id-29 ta' Mejju, 2012 waqt ispezzjoni li saret fuq water-taxis bin-numri S-18521 (Princess Jahzara) u Numru S-18209 (Taksi I) operati mill-appellant irriżulta lil uffiċjali tal-Awtorità illi fiż-żewġ każijiet*

*(i) Ma kienx hemm tariffa tan-nollijiet imwaħħla u murija f'post tajjeb fil-ħinijiet kollha fl-intern tal-water taxi (bi ksur tar-Regolament 7 tal-Avviż Legali 71 tal-2009 kif emendat, ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis)*
*(ii) Il-Kaptana ma kinux lebsin l-uniformi kif suppost (bi ksur tar-Regolament 5 (1) tal-istess Regolamenti)*

*Inoltre, fil-każ tal-Kaptan Vincent Fenech, l-istess kaptan ma kellux Karta tal-Identità maħruġa mill-Awtorità sabiex ikun jista' jopera water taxi. (bi ksur tar-Regolament 5 (2) tal-istess Regolamenti)*

*Illi kif jawtorizzaw l-istess Regolamenti (Regolament 5(5)), l-uffiċjal tal-Awtorità issospenda lill-Kaptana immedjatament sakemm jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.*

*B'żewġ ittri tal-31 ta' Mejju, 2012 (**Dok TM 1** u **TM 2**) imbagħad, l-appellant Gheiti ġie nfurmat illi in vista ta' dan il-ksur tar-Regolamenti fuq ċitati huwa kien qed jiġi immultat is-somma ta' € 150 ai termini tal-istess Regolamenti (illi f'materja ta' pieni jagħmlu referenza għar-Regolamenti dwar Bastiment Kummerċjali (Avviż Legali 284 tal-2002, ara partikolarment ir-Regolament 60)). Fl-ittri msemmija, bi żvista minflok ma saret referenza għan-numru korrett tal- water taxis, saret referenza (żbaljata) fiż-żewġ każijiet għal water taxi bin-numru S-18362.*

*F'dawn l-ittri Gheiti ġie infurmat illi jekk ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni tal-Awtorità huwa seta' jibgħat sottomissjonijiet bil-miktub fi żmien erbatax-il jum mid-data tal-ittra. Dan in linea mal-proċedura stabbilita fl-Att dwar l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta). Huwa irrisponda tramite l-konsultenta legali tiegħu però ma ressaq ebda raġuni għalfejn m'għandux jeħel il-multa għajr illi l-konklużjonijiet tal-Awtorità huma "infondati fil-fatt u fid-dritt" (**TM 3**). Għalhekk b'ittri tal-15 ta' Ġunju, 2012 il-multi msemmija ġew ikkonfermati u Gheiti ngħata żmien sad-19 ta' Ġunju, 2012 sabiex iħallas il-multi.*

*Illi Gheiti baqa' la ħallas il-multi u lanqas ressaq raġunijiet għalfejn m'għandux jħallashom. GĦalhekk fil-21 ta' Ġunju, 2012 l-Awtorità bagħtet żewġ ittri oħra, waħda għal kull water taxi, illi fihom tat żmien addizzjonali lil Gheiti sabiex iħallas il-multi u jevita li jittieħdu proċeduri ulterjuri fil-konfront tiegħu. F'dawn l-ittri in-numru tal-water taxis ġie indikat korrettement bħala rispettivament S-18209 u S-18521. (**TM 4** u **TM 5**)*

*Illi sussegwentement ġie intavolat l-appell odjern.*

*Illi għandu jiġi ċċarat illi l-Awtorità ġiet notifikata b'appell wieħed intavolat minn Gheiti illi jindirizza biss waħda miż-żewġ multi imposti mill-Awtorità.*

*Illi jidher ukoll illi l-aggravju uniku ta' Gheiti ma jindirizzax il-fatti li ġraw nhar id-29 ta' Mejju, 2012 imma huwa msejjes unikament fuq il-fatt illi l-Awtorità ħadet żball meta fl-ittra*

*tal-31 ta' Mejju, 2012 għamlet referenza għall-water taxi S-18632, meta din mhijiex water taxi operata minn Gheiti.*

*Illi ironikament, fl-istess appell tiegħu Gheiti jiżbalja n-numru tal-water taxi, illi huwa jindika bħala **S-18251** meta jidher illi qiegħed jirreferi għall-water taxi **S-18521**.*

*2.0 L-eċċezzjonijiet tal-Awtorità*

*Illi l-Awtorità esponenti umilment tissottometti illi l-appell ta' Gheiti m'għandux jintlaqa' għas-segwenti raġunijiet:*

*(i) Illi kif ser jiġi konfermat fil-mori tal-proċeduri, fattwalment u legalment il-multa imposta fuq Gheiti bħala operatur tal-water taxi S-18521 hija valida u ġusta għaliex tassew huwa responsabbli għal ksur tar-Regolamenti 5 u 7 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis.*
*(ii) Illi għalkemm huwa ammess illi sar żball fl-ittra tal-31 ta' Mejju, 2012 l-ittra kien fiha biżżejjed informazzjoni sabiex Gheiti seta' jidentifika f'hiex kien jikkonsisti l-allegat ksur u meta u kif seħħ. Għalhekk bl-ebda mod ma ġie preġudikat jew imtellef fl-opportunità tiegħu illi jressaq il-verżjoni tiegħu tal-fatti.*
*(iii)Mingħajr preġudizzju għas-suespost, bl-istess argument ta' Gheiti l-appell tiegħu huwa invalidu stante illi anke r-rikors fih żball fl-indikazzjoni tan-numru tal-water taxi!*

*3.0 Konklużjoni*

*Illi għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-Awtorità esponenti titlob illi l-appell imressaq minn Joseph Gheiti jiġi miċħuda u illi hija tiġi liberata mill-osservanza, bl-ispejjeż kontra l-istess appellant."*

Sema' ix-xhieda ta' Anthony Farrugia, [1] tar-rikorrent,[2] ta' Dr. Robert Vassallo[3] u ta' Patrick Pollacco;[4]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors;

[1] Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 a fol. 38 et seq.
[2] Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 a fol. 40 et seq u fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2013 a fol. 44 et seq.
[3] Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014 a fol. 46A et seq.
[4] Fis-seduta tas-7 ta' April 2014 a fol. 49 et seq.

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipproceda b'dan ir-rikors peress li hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata fil-konfront tieghu u komunikata lilu permezz ta' ittra datata 15 ta' Gunju 2012[5], permezz ta' liema ittra l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent bis-segwenti:-

*"Riferenza qeghda ssir ghall-ittra tal-avukat tieghek tal-hdax ta' Gunju tal-elfejn u tnax (11-06-2012) ghan-nom ta' Joseph Gheiti. L-Awtorita` kkunsidrat il-kontenut ta' din l-ittra.*

*Fl-ittra tal-Awtorita` tal-wiehed u tletin ta' Mejju tal-elfejn u tnax (31-05-2012) kien hemm imnizzlin ir-ragunijiet ghaliex l-Awtorita` imponiet il-multa amministrattiva. Dawn kienu ghax waqt l-ispezzjoni li saret fuq il-water taxi operata minnek bin-numru ta' registrazzjoni S-18251 nhar id-disgha u ghoxrin ta' Mejju tal-elfejn u tnax (29-05-2012) fil-Port ta' Marsamxett, l-ufficjali tal-Awtorita` kkonstataw illi ma kienx hemm tariffa tan-nollijiet imwahhla u murija f'post tajjeb fil-hinijiet kollha fl-intern tal-water taxi kif ukoll li l-kaptan taghha Vincent Fenech (detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija bin-numru 325852M) ma kienx liebes l-uniformi kif suppost. Inoltre, dan il-kaptan ma kellux Karta tal-Identita` mahruga mill-Awtorita` sabiex ikun jista' jopera water taxi.*

*Dan kien jammonta ghal ksur manifest tal-ligijiet u regolamenti portwali vigenti, fosthom dak li jistabbilixxu r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis (Avviz Legali 71 tal-2009, kif emendat).*

*Riferenza saret ukoll ghall-ittra mibghuta lilek mill-Awtorita` bid-data tal-erbgha u ghoxrin ta' Mejju tal-elfejn u tnax (24-05-2012) fejn gejt imfakkar dwar id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, il-multa giet imponuta abbazi tar-Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis kif ukoll tar-Regolament 60 tar-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummercjali (Avviz Legali 284 tal-2002, kif emendat).*

---

[5] Dok B a fol. 71 tal-process

*Fl-istess ittra tal-Awtorita`, kien hemm miktub b'mod car u specifiku illi jekk ma jkunx hemm qbil ma' din id-decizjoni tal-Awtorita` ghandhom jintbaghtu r-ragunijiet u s-sottomissjonijiet bil-miktub lill-Awtorita` fi zmien erbatax-il (14) gurnata mid-data ta' din l-ittra.*

*Wiehed ghandu josserva illi fl-ittra tal-avukat tieghek ma nghatat ebda raguni li tmur kontra dak li kkonstataw l-ufficjali tal-Awtorita` waqt l-ispezzjoni u li wara gie miktub fir-rapport taghhom stess, jew li tiggustifika tali nuqqasijiet, jew inkella ghaliex din il-multa amministrattiva, li giet imponuta skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi, hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Awtorita` qieghda tichad it-talba tieghek sabiex tirrevoka u thassar id-decizjoni taghha li timponi din il-multa amministrattiva minhabba ksur ta' regolamenti kif hawn spjegat aktar 'il fuq. Il-multa amministrattiva fl-ammont ta' mija u hamsin (150) ewro ghandha tithallas lill-Awtorita` sa mhux aktar tard mid-dsatax ta' Gunju tal-elfejn u tnax (19-06-2012). Fin-nuqqas ta' dan, l-Awtorita` ser tiehu dawk il-procedimenti skont id-dispozizzjonijiet tal-istess regolamenti imsemmija hawn fuq.*

*Fl-ahhar nett, l-Awtorita` tfakkrek illi inti ghandek id-dritt li tappella minn din id-decizjoni tal-Awtorita` fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf skont l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Tant sabiex taghraf timxi u tirregola ruhek."*

Illi r-rikorrent qieghed jikkontesta din id-decizjoni ghaliex skond huwa ma kienx qed jopera l-*water taxi* bin-numru S18632 u kwindi qatt ma seta' jinstab hati tal-infrazzjoni addebitata lilu mill-Awtorita` intimata. Huwa jsostni li d-decizjoni tal-15 ta' Gunju 2012 hija monka u nulla peress li ma tirrispekkjax l-akkuzi li nhargu kontra tieghu fid-decizjoni tal-31 ta' Mejju 2012[6]. Illi ghal intendiment ahjar tal-fatti, l-ittra tal-31 ta' Mejju 2012, kienet tghid hekk:-

*"Permezz tal-prezenti, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta taghmel referenza ghall-ispezzjoni li saret fuq il-water taxi operat minnek bin-numru S-18632 nhar id-disgha u ghoxrin ta' Mejju tal-elfejn u*

[6] Dok A a fol. 70 tal-process

*tnax (29-05-2012) fil-Port ta' Marsamxett. L-Awtorita` formalment tinfurmak illi l-ufficjali taghha kkonstataw illi ma kienx hemm tariffa tan-nollijiet imwahhla u murija f'post tajjeb fil-hinijiet kollha fl-intern tal-water taxi kif ukoll li l-kaptan Vincent Fenech (detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 325852M) ma kienx liebes l-uniformi kif suppost. Inoltre, dan il-kaptan m'ghandux Karta tal-Identita` mahruga mill-Awtorita` sabiex tkun tista' topera water taxi.*

*Dan jammonta ghal ksur manifest tal-ligijiet u regolamenti portwali vigenti, fosthom dak li jistabbilixxu r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis (Avviz Legali 71 tal-2009, kif emendat).*

*Riferenza qieghda ssir ukoll ghall-ittra mibghuta lilek mill-Awtorita` bid-data tal-erbgha u ghoxrin ta' Mejju tal-elfejn u tnax (24-05-2015) fejn gejt imfakkar fuq id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Awtorita`, skont id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Water Taxis kif ukoll ir-Regolament 60 tar-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummercjali (Avviz Legali 284 tal-2002, kif emendat), multa amministrattiva fl-ammont ta' mija u hamsin (150) ewro. Din il-multa ghandha tithallas lill-Awtorita` sa mhux aktar tard mill-erbatax ta' Gunju tal-elfejn u tnax (14-06-2012). Fin-nuqqas ta' dan, l-Awtorita` ser tiehu dawk il-procedimenti skont id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.*

*L-Awtorita` tfakkrek illi s-Sur Vincent Fenech ma jistax isuq jew jopera ebda water taxi sakemm jikseb il-Karta tal-Identita` mahruga mill-Awtorita` sabiex jopera water taxis. Fin-nuqqas ta' dan, l-Awtorita` tirrizerva d-dritt li tiehu passi ulterjuri skont il-ligi fil-konfront tieghek.*

*L-Awtorita` tfakkrek ukoll illi f'kull hin u mument waqt l-operazzjoni ta' dan il-bastiment kummercjali, id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti kollha vigenti u applikabbli, specjalment dawk li huma msemmijin hawn fuq, jigu osservati. Jekk ikun hemm kwalunkwe ksur ta' regolament, l-Awtorita` ghandha s-sahha li tirrevoka jew tissospendi l-Licenzja ta' Operatur ta' Bastimenti Kummercjali (CVOL) kif ukoll ic-Certifikat ta' Bastiment Kummercjali (CVC), apparti proceduri legali ohra skont il-ligi.*

*Jekk inti ma taqbilx ma' din id-decizjoni tal-Awtorita`, inti mitlub tibghat ir-ragunijiet u s-sottomissjonijiet tieghek bil-miktub lill-Awtorita` fi zmien erbatax-il (14) gurnata mid-data ta' din l-ittra."*

Illi jirrizulta li r-rikorrent mhux tant qieghed jikkontesta x'gara verament dakinhar tal-infrazzjoni imma dak li qieghed jikkontesta huwa l-fatt li giet imposta fuqu penali amministrattiva ta' mija u hamsin ewro (€150) ghal infrazzjoni fuq bastiment li ma jappartjenix lilu.

Illi mill-ittra tal-31 ta' Mejju 2012 jirrizulta illi l-bastiment iccitat mill-Awtorita intimata huwa dak bin-numru **S-18632**. Imbaghad fl-ittra sussegwenti tal-15 ta' Gunju 2012 in-numru ccitat mill-istess Awtorita` huwa **S-18251.** Illi r-rikorrent isostni li huwa m'ghandu l-ebda wiehed mill-bastimenti msemmija pero ghandu zewg *water taxis* li jgibu in-numri **18209** u **18521** liema *water taxis* kellhom bhala Kaptani lix-xhud Anthony Farrugia u lil Vince Farrugia rispettivament fid-data tal-infrazzjonijiet riskontrati mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata. Dan huwa korroborat mill-*enforcement officer* tal-Awtorita` intimata, Patrick Pollacco, fejn minn Dok PP1 a fol. 53 tal-process jirrizulta illi waqt l-ispezzjoni li saret fid-29 ta' Mejju 2012 huwa u l-Ispetturi tal-Port S. Baldacchino u Salvatore Rocco kienu ikkonstataw is-segwenti:-

*"Please note that during an inspection at M'xetto quay together with Port inspectors S. Baldacchino and Salvatore Rocco effected the following:*

*At 12.25 hrs. water taxi bearing registration number **S 18632 operated by Mr. Brian Bartolo**[7] ID. No. 372972M berthed at this location with 2 passengers on board, it was observed that the Master was not wearing the stipulated uniform and had no fare list affixed on the boat. On these offences Mr. Bartolo was forthwith suspended to operate any taxi by the u/s.*

*At 12.35hrs. water taxi bearing registration number **S 18521 (Princess Jahzara) operated by Mr. Vince Fenech**[8] ID 325852M berthed at this location with 10 passengers on board, it was observed that the master was not wearing the full uniform (trousers not in conformity) and had no fare list affixed on the boat. On these offences Mr. Fenech was forthwith suspended to operate any taxi by the u/s.*

[7] Enfasi tat-Tribunal
[8] Enfasi tat-Tribunal

*At 12.40hrs. water taxi bearing registration **number S 18209 Taksi I) operated by Mr. Anthony Farrugia**[9] ID: 526187M berthed at this location with two passengers on board, it was observed that the master was not wearing the full uniform (trousers not in conformity) and had no fare list affixed on the boat. On these offences Mr. Farrugia was forthwith suspended to operate."*

Illi l-allegati infrazzjonijiet riskontrati mill-imsemmija ufficjali tal-Awtorita` intimata jinsabu elenkati fir-Regolament 5 (1) (a) u 7 (3) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' *Water Taxis*[10] u cioe:-

*"**5. (1)** Waqt li jkun qieghed fuq xoghol, il-kaptan ta' water taxi:*

*(a) ghandu jilbes qmis bajda, qalziet twil abjad jew bermuda abjad, kalzetti bojod u zarbun maghluq nodfa;*

*....*

***7 (3)** Forma stampata, mahruga mill-Awtorità, u mpoggija fi gwarnic xieraq li turi t-tariffa tan-nolijiet u kull informazzjoni ohra li l-Awtorità tista' tistabbilixxi ghandha tigi murija f'post tajjeb fil-hinijiet kollha fl-intern ta' kull water taxi."*

Illi fl-ittra taghha tal-31 ta' Mejju 2012, l-Awtorita` intimata, apparti l-infrazzjonijiet fuq imsemmija ziedet ukoll infrazzjoni ohra u cioe li l-Kaptan Vincent Fenech ma kellux Karta tal-Identita` mahruga mill-istess Awtorita` biex ikun jista' jopera *water taxi.*

Illi riskontrati dawn in-nuqqasijiet, l-Awtorita` intimata, ai termini tar-Regolament 62 (3) kellha timxi mad-dettami tal-istess Regolament fuq imsemmija u cioe:- *"Qabel ma timponi penali amministrattiva skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tinforma l-persuna li fuqha tkun ser tiġi imposta l-penali bl-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż bil-miktub. Dak l-avviż għandu jindika li l-persuna konċernata għandha d-dritt li tagħmel dikjarazzjonijiet bil-miktub lill-Awtorità fi żmien mhux inqas minn erbatax-il ġurnata billi tagħti raġunijiet għaliex il-penali amministrattiva m'għandhiex tiġi imposta; u l-Awtorità għandha*

[9] Enfasi tat-Tribunal
[10] Legislazzjoni Sussidjarja 499.55

*tikkonsidra kull dikjarazzjoni li ssir b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali. L-Awtorità għandha tavża lill-persuna konċernata bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub."*

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` li jezamina sew l-ittra tal-31 ta' Mejju 2012. Din l-ittra intbaghatet ai termini tas-sucitat Regolament. Madankollu, ghalkemm fl-istess ittra r-rikorrenti gie mgharraf li huwa kellu dritt jibghat ir-ragunijiet u s-sottomissonijiet tieghu bil-miktub lill-Awtorita` intimata fi zmien erbatax-il (14) gurnata mid-data tal-istess ittra, fl-istess ittra hemm **ammonizzjoni** li jekk ir-rikorrent ma jhallasx il-penali sal-14 ta' Gunju 2012 l-istess Awtorita` intimata kienet se tiehu dawk il-procedimenti skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Illi ghalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` ma mxietx proceduralment korrettement. L-*iter* li kellha ssegwi l-istess Awtorita` kellu jkun is-segwenti u cioe:-

1. **L-ewwel tibghat l-ittra fejn turi l-intenzjoni taghha li timponi penali amministrattiva, f'liema ittra tinforma lill-persuna koncernata bid-dritt taghha li taghmel is-sottomissjonijiet taghha fi zmien erbatax-il gurnata;**
2. **Jekk tircievi l-imsemmija sottomissjonijiet fiz-zmien stipulat, jew fin-nuqqas li jsiru l-istess sottomissjonijiet, imbaghad l-Awtorita` intimata tghaddi biex timponi l-penali jew mod iehor.**

Illi kif gia` gie osservat mit-Tribunal aktar 'il fuq, jidher, li l-ittra tal-31 ta' Mejju 2012 ma kinitx intiza biex turi l-intenzjoni tal-Awtorita` intimata li timponi penali kif rikjesta minn Regolament 62 (3) tar-Regolamenti Dwar il-Bastimenti Kummercjali u dan ghaliex l-istess Awtorita` intimat esigiet li l-multa amministrattiva tithallas sa mhux aktar tard mill-14 ta' Gunju 2012. U dan nonostante li l-istess Awtorita` invitat lir-rikorrent jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fi zmien erbatax-il gurnata. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-ittra datata 31 ta' Mejju 2012 hija monka minn zewg aspetti, u cioe, in-numru tal-bastiment huwa wiehed zbaljat, ghaliex ma jappartjenix lir-rikorrent, u kif ukoll l-

Awtorita` intimata ma segwietx il-procedura elenkata fir-Regolamenti Dwar il-Bastimenti Kummercjali.

Illi ghalhekk, in linea mal-massima *quod nullum est nullum producit effectum*, u la darba l-avviz tal-31 ta' Mejju 2012 huwa wiehed null peress li kellu n-numru tal-bastiment zbaljat u l-Awtorita` intimat esigiet li tithallas il-penali fiz-zmien stipulat, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata kienet zbaljata meta harget decizjoni abbazi ta' numru ta' bastiment iehor minghajr qabel ma irtirat l-ewwel avviz mibghut bin-numru tal-bastiment zbaljat. Bl-izbalji tal-Awtorita` intimata, ir-rikorrent ma kienx fil-possibilita` li jiddefendi ruhu kif kellu dritt jaghmel u kwindi it-Tribunal iqis id-decizjoni kontenuta fl-ittra tal-15 ta' Gunju 2012 bhala wahda nulla u bla effett.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal, filwaqt li jirrispingi l-eccezzjonijiet imressqa mit-Awtorita` intimata, qieghed jirrevoka *in toto* d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 15 ta' Gunju 2012 u esebita bhala Dok B a fol. 71.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------